# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Gunju, 2018**

**Numru 2**

**Rikors Numru 1120/17TA**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

**vs**

**Onbrand Contact Limited (C68088)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi tal-14 ta' Dicembru 2017;

Rat id-dokumenti kollha annessi mar-rikors u dawk esebiti waqt is-smiegh;

Rat ir-risposta tas-Socjeta' Intimata tad-19 ta' Frar 2018;

Semghet ix-xhieda prodotti mir-rikorrent;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi (a` fol 35 );

Rat il-verbal tat-22 ta' Mejju 2018 fejn is-Socjeta' Intimata in vista tan-nota fuq imsemmija irtirat l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet minnha moghtija;

Rat il-verbal tal-31 ta' Mejju, 2018 fejn is-Socjeta' Intimata kwantu jirrigwarda t-tielet eccezzjoni irremettiet ruhha ghall-gudizzju ta' din il-Qorti fil-waqt li r-rikors thalla ghal digriet in difett ta' ostaklu.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li hadet konsiderazzjoni l-atti kollha tal-kawza u kif ukoll ir-regolament numru 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 kif transportat fil-regime ta' ligijiet nostrana permezz tal-avviz legali Numru 153 tas-sena 2012 qed tilqa' it-talbiet tar-Rikorrent u ghalhekk:

1. Tordna r-registrazzjoni tad-dokument relattiv bhala kopja ufficjali u liema dokument jinsab anness mar-Rikors promotur, biex b'hekk l-istess dokument issa jikkostitwixxi titolu esekuttiv kif trid il-ligi;

   U

2. Konsegwentement tordna, li kopja tar-rikors odjern u dokument mieghu anness jigu notifikati lis-Socjeta` intimata kif titlob il-ligi, bhallikieku dan ir-rikors u dan id-dokument kienu att gudizzjarju.

Spejjez ta' din il-procedura a` karigu tas-Socjeta` Intimata.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**